MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI) KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIZZI ANTONIO LL.D.**

Seduta ta' 11 ta' Ottubru, 2002

Numru. 290/2002

Il-Pulizija
(Sp Kevin Farrugia)
vs
Moulay Rachid, iben Muhamed,
imwieled l-Alġerija fit-3 ta’ mejju,
1972

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat –
1. talli fl-10 ta’ april, 2002 waqt li kien fil-Malta Labour Party Club, ġewwa
Ħal-Balzan, dolozament bil-ħsieb li jagħmel delitt u cioe’ li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta’ Philip Abela f’perikolu ċar, wera tali ħsieb b’atti esteni u ta bidu għal esekuzzjoni ta’ tali delitt permezz ta’ sikkina jew strument ieħor li jaqta’ liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta’ tiegħu;

2. talli fl-istess lok, ħin u ċirkostanzi kkaguna feriti ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Philip Abela bi strument li jaqta u bil-ponta skond kif iċċertifika dr. Ivan Cacciottolo M.D. taċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Mosta;
3. talli fl-istess lok, ħin u ċirkostanzi kellhu fil-pussess tiegħu jew fil-kontrol tiegħu arma regolari jew irregolari cioe' sikkina barra minn fond jew post li jagħmel miegħu, kif ukoll zamm jew ġarr l-istess arma mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;
4. talli fl-istess lok, data, ħin u ċirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u il-paċi pubblika b'għajjat u ġlied;
5. talli fl-istess lok, data, ħin u ċirkostanzi qal kliem oxxen u faħxi li jokkonsisti f'dagħa fil-pubbliku.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tad-19 ta' awissu, 2002 fejn iddikjara li wara li ra
l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub –
(a) fl-artikoli 41(1)(a), 214, 215, 216, 217, 218, 338(bb)(dd), 342, 17(ċ), 22, 20, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali;
(b) fl-artikoli 2, 13, 19, 25, 26 u 27 tal-Kapitolu 66 tal-Liġijiet ta' Malta
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanza oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' settembru, 2002 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' ottubru, 2002 fejn l-imputat ammetta it-tieni,
it-tielet, ir-raba' u il-ħames akkuża miġjuba kontra tiegħu iżda ċaħad l-ewwel akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Ikkunsidrat,

Illi dwar l-ewwel akkuża miġjuba kontra l-imputat mhemm ebda prova li javalla t-teżi tal-prosekuzzjoni.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-ewwel akkuża miġjuba kontra tiegħu u kwindi tilliberah mill-istess akkuża.  Issibu ħati tal-akkużi l-oħra miġjuba kontra tiegħu.  Rat l-artikoli 221 u 338(bb)(dd) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikoli 2, 13, 19, 25, 26 u 27 tal-Kapitolu 66 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundannah għal piena ta' ħames xhur priġunerija.  Il-perjodu tal-arrest preventiv għandu jitnaqqas minn tali piena.